# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta 22 ta' Diċembru, 2020**

**Rikors Numru 1140/20 TA**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru: 1088/2019**

**U**

**Wara s-Sentenza mogħtija fid-29 ta' Jannar 2020**
**(Rikors Ġuramentat Nru: 40/2018 MH)**
**fl-ismijiet:**

**Catherine Spiteri (K.I. Numru: 822245(M))**

**vs**

**Carmelo Micallef (K.I. Numru: 342162 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Carmelo Micallef tal-1 ta' Diċembru 2020;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru 2020;

Rat ir-risposta ta' Catherine Spiteri tas-16 ta' Diċembru, 2020;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrent qiegħed jitlob li jitħassar il-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri abbażi tal-artikolu 836(1)(c) u (f) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara s-Sentenza tal-Qorti Ċivili Prim Awla tad-29 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet Catherine Spiteri -vs- Innocenzo sive Luzio Spiteri. Innocenzo Spiteri huwa l-awtur tal-esponent, peress li dan miet fil-mori tal-Kawża msemmija. Permezz ta' din is-Sentenza l-esponent ġie ikkundannat iħallas l-ammont ta' mija u sittax-il elf u sitta u erbgħin ewro (€116,046) oltre imgħax fl-ammont ta' tnejn u disgħin, tmien mija u sebgħa u tletin ewro (€92,837) (ara a' fol 7).

L-esponent qed jikkontendi, li in vista tal-fatt li din is-Sentenza qegħdha, fost oħrajn, tiġi esegwita permezz ta' subbasta ta' immobbli li ġie stmat minn perit ex-parte tiegħu fl-ammont ta' erbgħa mitt elf ewro (€400,000), hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex dan il-mandat ikun revokat.

Għalkemm ir-rikorrent ma jagħmel ebda referenza għall-effetti tal-artikolu 838(B) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, l-intimata tikkontendi li llum, dan il-mandat huwa wieħed esekuttiv u ma għadux aktar kawtelatorju bis-saħħa tal-imsemmi artikolu. Targumenta, li konsegwenzjalment l-artikoli li abbażi tagħhom qed

tintalab ir-revoka tal-mandat ma humiex applikabbli għal dawn il-proċeduri ġaladarba l-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri illum huwa wieħed esekuttiv u mhux aktar kawtelatorju.

Minn dan jemerġi, li fid-dawl tar-risposta tal-intimata,  din il-Qorti trid l-ewwel teżamina, jekk dak li għandha quddiemha għadux mandat kawtelatorju jew wieħed eżekuttiv.  Jekk huwa esekuttiv, l-intimata f'dawn il-proċeduri għandha raġun.

Għall-aħjar analiżi ta' din il-vertenza purament legali, qed ikun riprodott fl-interita` tiegħu l-artikolu inkwistjoni:

*"838B. (1) Sakemm ma jiġix imħassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li toħroġ il-mandat, kull mandat kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ sa ħmistax-il ġurnata wara li l-kawża tgħaddi f'ġudikat.*

*(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), mandati kawtelatorji maħruġin skont l-artikolu 830(1) isiru eżekuttivi wara li kawża tgħaddi f'ġudikat jew meta, skont l-artikolu 166B, dik l-ittra uffiċjali ssir titolu eżekuttiv b'dan illi:*

*(a) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(b),(ċ), (d)  u  (f),  il-kreditur għandu jippreżenta nota fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat fl-atti tal-istess mandat u jitlob li jestendi jew inaqqas l-effetti tal-mandat għas-somma ekwivalenti għall-ispejjeż legali,  l-imghaxijiet u d-differenza fis-sorte skont is-sentenza,  liema nota għandha tiġi notifikata lid-debitur, u dawk kollha li għandhom interess;*

*(b) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(a) u(e), il-kreditur għandu jippreżenta rikors skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 388E fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat."*

L-intimat f'dawn il-proċeduri qed jargumenta li wara Sentenza mandat kawtelatorju jsir *ope legis* wieħed esekuttiv. Pero' minn eżami ta' dan l-artikolu joħroġ ċar u inekwivokament, illi trid tiġi segwita ritwalment u b'mod rigoruż il-proċedura komminata minn subartikolu 2 ta' dan l-artikolu sabiex mandat kawtelatorju jitqies esekuttiv. Dan għandu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tgħaddi in ġudikat.

Dawn il-Qrati dejjem insistew, li dan l-artikolu għandu jkun sagramentalment segwit, anke meta tkun presentata n-nota imsemmija fis-subartikolu 2 fit-terminu komminat mil-liġi. Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Gallarija Management Ltd -vs- Derby International Ltd tal-15 ta' Settembru 2014** ingħad hekk:

*"Billi l-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju huwa ndikat fl-Art 830(1)(d) il-procedura li kellha tigi segwita mill-kumpannija rikorrenti kellha tkun dik skond l-Art 838B(2)(a) sabiex il-Mandat minn Kawtelatorju jsir Ezekuttiv. Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li n-nota li tissemma fl-Art 838B(2)(a) ma kenitx prezentata fi zmien hmistax (15)-il gurnata mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Infatti filwaqt li l-kawza kienet deciza fit-3 ta` April 2009, in-nota kienet prezentata fit-23 ta` April 2009. Dan ifisser li n-nota kienet prezentata tardivament; dan kellu l-effett*

*li ma jirrendix Esekuttiv il-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju anke ghaliex skond l-Art 838B(1) il-Mandat Kawtelatorju ma kienx baqa` fis-sehh la darba kienu ghaddew il-hmistax (15)-il gurnata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell."*

*Multo magis,* kemm aktar b'saħħa jista' jingħad li  mandat kawtelatorju jkun tilef l-effetti kollha tiegħu skont il-liġi meta l-proċedura stabbilita minn subartikolu 2 tal-artikolu inkwistjoni l-anqas tkun biss saret !

In sostenn tad-difiża tagħha, l-intimata, f'dawn il-proċeduri presentat kopja tas-Sentenza suċitata.  Imma l-aktar prova importanti kellha tkun kopja tan-nota li jesiġi s-subartikolu 2 tal-artikolu suċitat, u dan sabiex ikun jista' jingħad li l-mandat inkwistjoni llum għandu jitqies bħala esekuttiv.  Din il-prova hija meħtieġa, altrimenti din il-Qorti ma jkollhiex il-prova konklussiva li dan il-mandat tassew jista' jitqies bħala wieħed esekuttiv (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Joseph Zammit Mackeon fl-ismijiet Charles Grech and Company Ltd -vs-  Firm Camilleri Bros (Marketing) Company Ltd tal-11 ta' Diċembru 2014**).

Waqt is-sottomissjonijet fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2020, l-abbli difensur tal-intimat għamel aċċenn għal dan.  Di piu, il-Qorti eżaminat l-atti tal-mandat li għandha quddiemha u ma jirrisultalhiex li daħlet xi nota fis-sens kif jesiġi s-subartikolu tal-liġi tal-artikolu inkwistjoni.  Dan is-subartikolu jagħmilha ċara,  li din in-nota għandha tkun presentata fl-atti tal-mandat biex tkun tista' tiġi notifikata lil kull min hu interessat.

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, l-argument li l-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri llum għandu jitqies *ope legis* bħala wieħed kawtelatorju, ma jreġġix u huwa legalment infondat. Il-mandat għadu kawtelatorju u li fit-termini tas-subartikolu wieħed tal-imsemmi artikolu m'għandux jitqies li għadu fis-seħħ.

Stabbilit dan kollu, jmiss issa li jitqies jekk allura fid-dawl tal-premessi u talbiet tistax din il-Qorti tilqa' xorta waħda t-talbiet jew xi uħud minnhom. Huwa minnu li r-rikorrent qiegħed fost oħrajn jibbaża talba minnhom fuq artikolu 836(1)(c) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jirrigwarda l-esistenza ta' garanzija xierqa li tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-mandat. Din il-Qorti tosserva, li dak li għandha quddiemha ma għadux il-każ ta' pretensjoni u dan għaliex, il-pretensjonijiet tal-intimata llum kristallizzaw f'ġudikat. Pretensjoni tesisti biss meta ma jkunx għad hemm ġudikat. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din il-parti ta' dan l-artikolu tassew mhux applikabbli għal każ li għandha quddiemha din il-Qorti, iżda għal raġunijiet għal kollox differenti minn dawk li ssemmi l-intimata fir-risposta tagħha.

Jibqa' għalhekk li jiġi eżaminat il-paragrafu (f) ta' dan l-artikolu u ċioe' "*jekk jintwera, li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbl*". Irid jiġi osservat li l-parti introduttorja tal-artiklu 836 il-liġi ma tesiġix li jrid bil-fors ikun hemm Kawża pendenti biex jintalab il-ħruġ ta' kontromandat. Tipprospetta ż-żewġ sitwazzjonijiet ta' meta jkun hemm u anke meta ma jkunx għad hemm kawża pendenti.

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, ma hemmx kawżi aktar. Hemm Sentenza iva, li qed tkun eżegwita. Il-frott finali ta' kawża iżda mhux Kawża. Id-difiża tal-intimata anzi l-uniku difiża tistrieħ fuq dak li jiddisponi l-artikolu 838B(2). Kif diġa' osservat din ma tistax tirnexxi. Minn naħa l-oħra, fir-rikors promotur, il-punt dwar dan l-artikolu ma ġiex issollevat. B'dana kollu xorta waħda ġie dibattitut, anke quddiem din il-Qorti fis-smiegħ tas-16 ta' Diċembru 2020. Il-Qorti fehmet ukoll illi minkejja kollox, li l-argument tal-intimata huwa fis-sens li din il-Qorti hija marbuta mat-talbiet kif magħmula.

Il-Qorti ma tistax taqbel ma dan. Kienet l-istess intimata li daħlet id-dibattitu dwar l-applikazzjoni *o meno* ta' dan l-artikolu. Anzi l-intimata bir-risposta tagħha inevitabilment stiednet lil din il-Qorti tidħol f'dan il-punt legali, altrimenti ma kienitx tissollevah …… l-uniku punt li għamlet. Di piu', minn eżami tal-paragrafu (f) jirriżulta, li għal din il-parti tal-liġi ma hemmx ħtieġa li jkun hemm Kawża pendenti. L-anqas ma hemm speċifikat, jekk il-mandat kawtelatorju ikunx għadu jesisti, għalkemm ma għadux fis-seħħ, qabel jew wara li tkun deċiża l-kawża.

Għalhekk, wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tikkonkludi, li mill-provi prodotti, intwerilha li jesistu ċirkostanzi li jimmeritaw li t-talba tiġi milqugħa abbażi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti ma tħossx li hemm raġunijiet biżżejjed biex jiġu applikati l-penali ai termini tal-artikolu 836(8)(c) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qegħdha tilqa' t-talba tar-rikorrent abbażi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u tirriġettah għall-bqija.

Tordna għalhekk li jinħareġ il-kontro-mandat opportun.

Spejjes ta' din il-proċedura għall-intimata.

**Mogħti kameralment illum 22 ta' Diċembru, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**